32004R2166

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2166/2004

tas-17 ta' Diċembru 2004

dwar il-ftuħ ta' kwoti tariffarji għall-2005 applikabbli għall-importazzjonijiet fil-Komunità Ewropea ta' ċerti prodotti agrikoli pproċessati li joriġinaw mill-Iżvizzera

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-kummerċ applikabbli għal ċerti oġġetti li ġejjin minn prodotti agrikoli pproċessati [1], b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/239/KE tat-13 ta' Marzu 2000 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea minn naħa u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

(1) L-kwoti tariffarji annwali għal ċerti prodotti agrikoli pproċessati pprovduti fil-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea minn naħa u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, għal dak li għandu x'jaqsam mal-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera [3], minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim" għandhom jinfetħu għall-2005.

(2) Il-kwota annwali għal oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċi CN 2202 10 00 u ex- 2202 90 10, stipulata fil-Ftehim, intemmet. Bi qbil mal-Ftehim, b' konsegwenza għandha tiżdied b'10% għall-2005.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistipula id-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [4], jistabbilixxi r-regoli għat-tmexxija tal-kwoti tariffarji. Huwa xieraq li jingħad li l-kwoti tariffarji miftuħa minn dan ir-Regolament għandhom jitmexxew bi qbil ma' dawn ir-regoli.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni għall-kwistjonijiet orizzontali dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli pproċessati li mhumiex elenkati fl-Anness I tat-Trattat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tariffarji għall-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti agrikoli pproċessati li joriġinaw mill-Isvizzera elenkati fl-Anness għandhom ikunu eżenti minn dazju mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005.

Għall-importazzjonijiet ta' oġġetti elenkati fit-tabella 2 ta' l-Anness li qabżu l-kwota eżenti minn dazju, dazju ta' 9,1% ser ikun applikat.

Artikolu 2

Il-kwoti tariffarji tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 1 se jitmexxew mill-Kummissjoni bi qbil ma' l-Artikoli 308a, 308b u 308ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar is-17 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kummissjoni

Gunter VERHEUGEN

Viċi-President

---

[1] ĠU L 318, tat-20.12.1993, p. 18. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, tal-25.11.2000, p. 5).

[2] ĠU L 76, tal-25.3.2000, p. 11.

[3] ĠU L 76, tal-25.3.2000, p. 12.

[4] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) 2286/2003 (ĠU L 341 tal-31.12.2003, p. 1.).

ANNESS

Tabella 1

Numru tas-serje	Kodiċi CN	Deskrizzjoni	Kwantitajiet għall-2005 (piż nett)	Rata applikabbli tad-dazju
09.0911	1302 20 10	Sustanzi pektiċi, pektinati u pektati: niexfa	733 tunnellata	Eżenti
09.0912	2101 11 11	Estratti, essenzi u konċentrati b'kontenut niexef abbażi tal-kafe ta' 95 % jew aktar tal-piż	2 263 tunnellata	Eżenti
09.0913	2101 20 20	Estratti, essenzi u konċentrati ta'te jew maté	159 tunnellata	Eżenti
09.0914	2106 90 92	Preparazzjonijiet ta' l-ikel/oħrajn li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib, sukrożju, isoglukożju, glukożju jew lamtu jew li fih, bil-piż, anqas minn 1.5 % ta' xaħam tal-ħalib, 5 % ta' sukrożju jew isoglukożju, 5 % glukożju jew lamtu	1 309 tunnellata (*)	Eżenti

(*) Ara r-Regolament tal-Kunsill [.../2004] li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet għall-Konfederazzjoni Svizzera fil-forma ta' kwoti tariffarji tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli pproċessati. In segwitu għall-adeżjoni ta' l-10 Stati Membri ġodda, 280 tunnellata huma miżjuda mal-kwota bażika tas-sena 2004.

Tabella 2

Numru tas-serje	Kodiċi CN	Deskrizzjoni	Volum għall-2005	Rata tad-dazju applikabbli fil-kwota	Rata tad-dazju applikabbli barra mill-kwota
09.0916	2202 10 00	Ilma, inkluż ilma minerali u ilma ossiġenat, li fih zokkor miżjud jew sustanza oħra li żżid il-ħlewwa jew bit-togħma	120 788 250 litru	Eżenti	9.1 %
	ex 2202 90 10 (Kodiċi Taric 10)	Xorb mhux alkoħoliku ieħor, li fih iz-zokkor			